*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 60**

**Il-Ħamis 20 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Charlot Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Kien hemm ittra waħda t'apoloġija.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**60.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**60.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri.

**60.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li f'paġna 2 paragrafu 59.2.1 l-aħħar apragrafu jrid jinbidel kif ġej:

*"Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u iffirmati mil-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett".*

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar u ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

- *Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree Attard daħlet għal laqgħa fis-6.05pm*

**60.2.1** Is-Sindku qal li peress meta iddiskutew l-artiklu 59.2.3 ta' paġna 3 huwa kien għadu mhux preżenti fil-laqgħa, għaldaqstant xtaq li jgħaddi l-kummenti tiegħu fuq il-binja proposta fi Triq ix-Xatt. Huwa qal li għalkemm hu xtaq li din il-binja ma titwaqqax u għalkemm il-Kunsill kien oġġezzjona, l-PA xorta ħarġet il-permessi relattivi. Huwa qal li wara li s-Supretindent tal-artijiet qal li din il-binja ma kien fija xejn ta' valur u mhux skedata, u issa qed jaqra ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill fejn qed jgħid l istess ħaġa, huwa jħoss illi d-deċiżjoni tal-laqgħa preċedenti li nitfgħu l-appell hija għalxejn u huwa tal-opinjoni illi noqogħdu fuq il-parir ta' dawn iż-żewġ persuni tekniċi.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għal laqgħa fis-6.09pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għaliex intalab ir-rapport tal-Perit meta fil-laqgħa preċedenti il-Kunsill qabel li nitfgħu l-appell.

Is-Sindku wieġbu illi aħna tlabna lil Perit sabiex jappella pero` qabel ma appella l-Perit mar fuq il-post sabiex jara d-dar ħalli jkun jaf fuq liema bażi ser jintefa l-appell.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dik il-binja hija *landmark* f'Marsaskala u fuq dak il-punt il-Kunsill kien iddeċieda li jappella. Huwa qal li fil-laqgħa preċedenti huwa talab sabiex jittieħed vot u minn ried joġġezzjona seta jgħamel dan, pero` d-deċizjoni kienet unanima. Huwa kompla jispjega illi aħna qatt ma ddeċidejna illi nappellaw fuq il-kundizzjoni tad-dar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qrat estratt mill-minuti preċedenti fejn ikkonfermat dak li kien għadu kif qal il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk il-Perit f'każijiet oħra marx fuq il-post qabel ma tefa l-appell.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġiba fin-negattiv pero` weġiba li ħafna drabi jkun staqsieh ċertu affarijiet permezz tat-telefon u mhux l-ewwel darba li jgħidlu li l-appell se jkun diffiċli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-Perit infurmajniehx fuq liema bażi l-Kunsill ried jitfa l-appell għax hija dar antika u landmark.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu fil-pożittiv.

Is-Sindku qal li wara li l-Perit William Lewis bagħat r-rapport, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri li f'din il-laqgħa huwa skużat u għaldaqsant il-vot tiegħu ma jistax jiġi meqjus, qal li huwa tal-opinjoni li noqoghdu fuq il-parir tal-Perit.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ikkonferma ma dak li qal is-Sindku u qal ukoll illi għalkemm huwa ukoll fl-aħħar laqgħa kien iddeċieda favur l-appell issa li qed jara r-rapport tal-Perit jħoss ukoll li dan l-appella ser jsir għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk jistax il-Kunsill jbiddel deċiżjoni li kien ħa fil-laqgħa ta qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tista issir riżoluzzjoni speċjali bil-miktub.

Is-Sindku qal illi għandha issir laqgħa b'urġenza għal din il-materja.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.30pm.***

Il-Kunsill qabel sabiex issir laqgħa b'urġenza nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju 2017 fis-6.00pm

**60.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 59.2.6 fuq il-ħaddiema tal-ETC u tal-IPSL fejn qal li kliem il-Kunsillier is-sur Lawrence Ciantar kienu iebsa meta wieħed jara kemm il-ħaddiema jaħdmu anke jekk tara Triq ix-Xatt u r-*refurbishment* li sarilha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ix-xogħol fil-lokal jrid jsir kulljum u mhux għax tkun ġejja l-festa.

**60.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 pargrafu 59.3.4 fejn qal li sid l-istabbiliment *The Ironmongery* ta' Triq Sant'Antnin qed sib problemi sabiex jingħata permess ta' *un/loading*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma TMalta fejn qalulna sabiex nerġgħu napplikaw u filfatt hekk sar u jidher li l-applikazzjoni tiegħu qiedgħa tiġi proċessata.

**60.2.4** Is-Sindku staqsa fuq paġna 7 artiklu 59.7.1 fejn staqsa fejn it-talba sabiex jsir talb fuq il-*promenade* sarietx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ma sarietx.

**60.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 artiklu 59.7.6 fejn qal illi mixjien fuq l-attivita` tal-Karnival.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ilna nitolbu l-ispeċifikazzjonijiet tas-*sound* lis-Sur Miceli pero` għadna ma rċevejna xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk konniex tkellimna ma' tal-banda u jekk tawniwiex risposta li din s-sena ser jkollom aktar bandisti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu tkellem ma tal-banda u talabhom sabiex din is-sena jkun hemm iktar bandisti pero` s-Segretarju tal-banda qallu li għad jrid jsib bandisti minħabba li dan iż-żmien jkun hawn ħafna festi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux ser noħorġu kwotazzjoni fuq is-*sound*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ilna l' fuq minn xahar nitolbu għal-ispeċifikazjonijiet iżda għadom ma bgħatulna xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa minn ser jieħu ħsieb it-*traffic management*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi bħas-sena l-oħra ser jieħdu ħsiebu l-Puluzija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr qal li s-sena l-oħra kien għad hemm il-karozzi ipparkjati u għaldaqstant din is-sena l-*clearance* għandu jibda qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-*clearance* din is-sena jibda mis-Sibt f'12.00pm.

**60.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 59.2.4 jekk bgħatniex l-ittri relattivi mar-riċiklaġġ.

Is-Segretarju wieġbu illi bagħtna ittra lil Ministru Herrera u anke lil kumitat tal-moniteraġġ.

**60.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**60.3.1** ***<u>Skart tal-Ħwienet (35/2327/17/I):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi is-Sur Zammit tal-MTA nfurmana li l-MTA għanda l-obligu li tiżgura li operaturi tal-istabbilimenti tal-ikel ma joħorġux skart barra iżda ma għandiex poter legali li tkellem ħwienet oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li s-servizz tal-boroż l-oranġju ġie sospiż minħabba l-aċċidenti li ġara fir-riċiklagg allura qed tinħoloq din il-problema, u l-boroż li tawna bħala alternattiva mhux tajbin għax jitmermru mil-ewwel u peress li griżi qed jiġu mħalta tal-iskart riċiklat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kull filgħodu min jnaddaf il-ġonna għandu mil-inqas l-ewwel sagħtejn tax-xogħol jnaddaf speċjalment wara l-*weekend* il-ħmieġ li jkun hemm bil-boroż taż-żibel li jiddepożitaw fil-bandli Pjazza Mifsud Bonnici. Huwa qal fl-entraturi tal-bandli jkun hemm ammont kbir ta boroż u l-irrwejjaħ li jkun hemm huma insapportabli. Huwa kompla jgħid illi ma nofs in nhar tibda tara l-bins li hemm faċċata tal-ħwienet ta Triq ix-Xatt kollha boroż taż-żiebel tal-ħwienet impoġġijien ħdejjom.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li jekk min jinforza l-liġi mhux qed jsir infurzar huwa kollu għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li minn ċertu ħin filgħaxija jrid li jkun hemm l-gwardjani lokali anke jekk il-Kunsill jkollu jħallas iktar għas-servizz.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li anke jkun hemm ċertu nies li jħallu l-klieb tagħhom mingħajr ċinġa fuq il-*promenade*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kif ser nibgħatu l-ittri minħabba l-imwejjed u siġġijiet lil istabilimenti tal-ħwienet għal festa nibgħatulhom ittra ukoll minħabba l-problema tal-iskart. Huwa kompla jgħid illi għandu jsir servizz ta ġbir tal-Wasteserv fis-2.00am.

Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qal li jekk inkelmu lil kuntrattur tagħna tal-iskart u nitolbuh sabiex Triq ix-Xatt jinġabar l-iskart l-ewwel ħin filgħodu għandna nsolvu ukoll il-problema.

Il-Kunsillier qabel illi nitolbu lil Wasteserv sabiex jsir ġbir fis-2.00am u anke nkelmu lil tal-*cleansing* peress li qabel kienu jġibru ukoll dan l-iskart, kif ukoll nkellmu lill-kollettur tal-iskart sabiex jibda jiġbor l-iskart l-ewwel ta' Triq ix-Xatt.

**60.3.2** ***Karnival Sajf (35/2263/17/I) (35/263/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni f'paragrafu 60.2.5. Huwa żied jgħid illi l-kumitat tal-karnival talbu sabiex din is-sena minflokk inħalsuhom €2500 ntuhom €5000, iżda is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi nistgħu nipruvaw nżiedu ftit mal-figura tas-sena l-oħra iżda ċertament mhux is-somma li talbuna.

**60.3.3** ***Tower Crane fi Triq in-Nadur:***

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi ser jtpoġġa *tower crane* fi Triq in-Nadur u jekk il-Kunsill jaqblu TMalta lesti li din it-triq issir *one way* temporanja cioe` toħroġ lejn Triq tal-Gardiel. Huwa kompla jgħid illi t-traffiku li jkun ġej biex jidħol fi Triq in-Nadur issa jrid jgħaddi minn Triq is-Sallur jew Triq ta' Gidwet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kieku t-*tower crane* sar mal-faċċata kieku ma kienx hemm għalfejn illi din it-triq issir *one way*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq in-Nadur issir temporanjament *one way*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq tal-Gardiel minn faċċata tal-*childcare centre* sa fejn kien hemm l-ekx *Re Del Pesce* għandhu jsir *double yellow line* u anke jitwaħlu tabelli.

**60.3.4** ***Accident Black Spot fi Triq Lorry Sant ma Triq id-Dugħ:***

Is-Sindku talab sabiex issir tabella *accident black spot* fi Triq Lorry Sant ma Triq id-Dugħ peress li l-karozzi jiġu *head on* u hija perikoluża.

Il-Kunsill qabel unanimament.

- ***Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree Attard ħarġet mil-laqgħa fis-7.30pm***

**60.3.4** ***Brief EP's (35/3263/17/I)***

Is-Sindku qal illi l-President tad-*Douzelage* kienet ferm kuntenta bir-rapport lil ħejja l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt waqt ir-rappreżentanza tal-Kunsilliera fl-AGM li għadda. Huwa kompla jgħid li l-President stiednet lill-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt flimkien miegħu sabiex jiltaqgħu mal-MEP ġewwa Brussel f'Ottubru. Huwa qal li l-ispejjeż ser jitħallsu kollha mid-*Douzelage* minbarra l-*flights*.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt spjega illi l-*workshop* ġewwa l-AGM kien fuq ir-refuġjati.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u s-Sindku jitilgħu *Brussels*.

**60.3.5** ***Ittra mingħand Karmig Trading Ltd:***

Is-Sindku qal illi l-kuntrattur *Karmig Trading Ltd* qed jitlob żieda ta' 10% peress li għola il-prezz tal-konkos u l-kurduna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li sa fejn jaf hu dan mhux possibli għaliex inkella ser jaqbeż il-prezz li kienu issottomettew l-offerenti l-oħra.

Is-Sindku ssuġġerixxa li forsi nitkelmu miegħu li noffru 5%.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu l-parir tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**60.3.6** ***Bord t' aġġudikazzjoni tal-Bandli taż-Żonqor.***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi t-*tender* lest u ġie ippublikat u għaldaqstant hemm bżonn li jinħatar bord t'aġġidukazzjoni. Huwa qal li l-bord ser jkun kompost mil-Perit Kylie Anne, Is-Sinjura Doreen Mintoff, is-Sur Christopher Schembri u s-Sur Joseph Mercieca filwaqt li s-Sinjura Lucille Bonnici u huwa se jkunu is-segretarja u ċ-Chairman tal-Bord rispettivament.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**60.4** ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**60.5** ***Rapport ta' kull kwart April sa Ġunju 2017:***

L-Accountant is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat ir-rapport ta' kull kwart.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart bejn April u Ġunju 17 u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

**60.6** ***Approvazzjoni tat-Tender KLM 2017/02 Service for Marsaskala Street Sweeping Cleaning and Grass Cutting in Urban Roads within Marsaskala:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi hu tkellem mal-Avukat tad-Dipartiment tal-kuntratti u qara ir-risposta tiegħu, kif ukoll qara ir-risposta tal-offerent Is-Sur Saviour Mifsud. Huwa kompla jispjega illi bord wara li ra r-risposta tal-kuntrattur kif ukoll tal-Avukat tal-kuntratt ra li kollox huwa kif suppost u għaldaqstant qed jirrakomnda lis-Sur Saviour Mifsud għal aġġudikazzjoni ta' dan il-kuntratt.

Is-Segretarju Eżeuttiv spjega li hemm diversi Kunsilli Lokali fejn stipulaw l-ammont tal-ħaddiema kif ukoll l-ammont ta' siegħat iżda ma ħarġux it-tender bil-MEAT u jinsabu f'sitwazzjoni diffiċli u probabilment ser jkollom jerġgħu joħorġu is-sejħa mil-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issuġerixxa sabiex il-knies jibda jsir iktar tard ħalli il-karozzi jkunu laħqu telqu u tinkines it-triq aħjar.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona il-din l-offerta tingħata lis-Sur Saviour Mifsud u il-Kunsillier is-Sandro Gatt issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-kenniesa tal-lokalita` ta' Ta Sliema fuq il-flokkijiet għandom *reflecters* fuq l-ispalla u fuq darhom kellhom l-arma tal-Kunsill u fuq quddiem tal-flokk l-arma tal-kuntrattur.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk jistax dan il-kuntrattur jgħamel *subcontracting*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi jiddependi xi ssotometta fl-offerta tiegħu u għaldaqstant ser jiċċekja.

**60.7** ***Rapport tal-Perit William Lewis kif ukoll ir-rapport tas-Supretindent tal-Wirt Kulturali rigward PA2240/17***

Din il-korrispondenza ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa u ser issir laqgħa b'urġenza għal din il-materja.

60.7.1 ***Proposta minn ICT Solutions biex il-Kunsill jagħmel upgrade tas-software (35/2171/17/I).***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi biex isir upgrade tas-*software tas-sage* ser nidħlu fi spiża ta' €1700.

Il-Kunsill qabel u għandna niċċekjaw ma Kunsilli oħra.

60.7.2 ***Rigward il-proġett ta' Jerma. Il-Kunsill informa lis-sid biex jiltaqa pero` kellu jċempel lura biex jara jekk hux lest li jiltaqa mal-Kunsill:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi wara l-laqgħa li kellna tal-Kunsill kien talabu sabiex issir laqgħa oħra mal-investitur. Is-Sur Camilleri kien wieġbu li għad irid jiddeċiedi jekk jiltaqx magħna peress li wara l-laqgħa mal-Kunsill, kienu ħarġu diversi artikli fil-gażżetti. Huwa kompla jgħid li l-aħjar ħaġa hi li nistennew sabiex jisottomettu l-applikazzjoni lil PA imbghad nitkelmu minn hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li il-Jerma ma tistax tibqa fl-istat li qiegħda. Huwa kompla jgħid illi jekk l-investituri jibnu torri wieħed u ser jagħmel *open space* għal pubbliku dan għandu jsir kuntratt legali bejtnietna li dan l-ispazju pubbliku qatt ma jinbena.

60.7.3 ***Applikazzjoni għal fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt l-iskema ''Network of Towns'' li ġiet sottomessa minn xi membri tad-Douzelage fosthom Marsaskala (35/2060/17/I):***

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi intrebaħ proġett mill Ungerija u ħa jtuni il-fondi sabiex bħala *partner* ntellgħu attivita` fil-lokalita` tagħna proġett min naħa tagħna pero` mhux ħa nkunu *lead partners*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

60.7.4 ***Korrispondenza dwar iz-zebra crossing fi Triq is-Salini kantuniera ma Triq il-Vajrita`:***

Is-Sindku qal lil resident talab sabiex iz-zebra crossing fi Triq is-Salini kantuniera ma Triq il-Vajrita tiġi humped *zebra crossing*.

Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

60.7.5 ***Żieda fl-increment tas-Sinjura Lucille Bonnici għal Skala 10 punt 5:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sinjura Lucille Bonnici ser tiprogressa fl-skala tagħha għal skala 10 punt 5 b'effett immedjat mill-1 ta' Lulju 2017.

60.7.6 ***Dominju Pubbliku:***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lil Kunsilliera illi din ġiet imħabra fuq il-mezzi tax-xandir u hemm il-lokalita` ta' Marsaskala imsemmija ukoll, fejn il-Kunsill għandu jgħati il-kummenti tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nġibu l-informazzjoni kollha u tiġi diskussa fil-laqgħa b'urġenza li ser ssir fis-27 ta' Lulju 2017.

60.8 ***Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:***

60.8.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq ic-CCTV camera li kellhom isiru mill-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li għad ma qalulu xejn

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elsiabeth Cassar ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**60.9** ***Mozzjonijiet:***

***Ma kienx hemm mozzjonijiet.***

**60.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.30pm. Il-laqgħa b'urġenza ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju 2017 fis-6.00pm u l-laqgħa li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 28 ta' Awwissu 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 20 ta' Lulju 2017.

IFFIRMAT

IFFIRMAT

_______________

**Josef Grech**
Segretarju Ezekuttiv

_______________

**Mario Calleja**
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 60- is-Seba Leġislatura.**